**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1049/02**

**Paul u Marguerite konjugi Bonello**

**vs**

**Pierre Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex:

1. il-konvenut jigi ddikjarat unikament responsabbli tal-incident li sehh fit-3 ta' Marzu 2001 fil-Bypass ta' l-Iklin, fejn waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura KBE 214, dahal gol-vettura ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni FAU 996, b'kawza ta' negligenza, imprudenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm120.75) ammontanti ghas-somma ta' danni kkagjonati fil-vettura ta' l-atturi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-4 ta' Marzu 2002 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba kontra s-socjeta assigurattrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata fit-30 ta' Mejju 2002;

Sema' lil Dr Robert Tufigno jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm120.75) rapprezentanti danni kagunati.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**